# KRISTU RXUXTAT JITTRASFORMA LIL PAWLU TA' TARSU: IL-ĠRAJJA TA' DAMASKU



« ... X'ġara f'dik l-esperjenza li Pawlu kellu fit-triq ta' Damasku, u li aħna komunement insejħulha konverżjoni?

Għandna żewġ għejun għal din il-ġrajja. L-ewwel u l-aktar magħrufin huma r-rakkonti tal-Atti tal-Appostli (ara 9,1-19; 22,3-21; 26,4-23)... Id-dettalji li jagħtuni l-Atti jirreferu kollha għaċ-ċentru tal-ġrajja: Kristu rxoxt jidher lil Pawlu bħala dawl jiddi u jitkellem miegħu, jibdillu l-ħsieb tiegħu u l-istess ħajja tiegħu. Id-dija tal-Irxoxt tagħmih: jidher b'mod esterjuri dik li kienet ir-realtà interjuri, l-għama tiegħu fid-konfront tal-verità, tad-dawl li hu Kristu. Imbagħad l-"iva" definittiva tiegħu fil-magħmudija tiftaħlu mill-ġdid għajnejh, tgħinu jara verament...

It-tieni għajn hi magħmula mill-istess Ittri ta' San Pawl. Hu qatt ma tkellem fid-dettal minn din il-ġrajja, naħseb għaliex kien jissupponi li kulħadd kien jaf il-parti essenzjali tagħha, kulħadd kien jaf li minn persekutur ġie mibdul f'appostlu mħeġġeġ ta' Kristu. U dan seħħ mhux wara xi riflessjoni personali, imma frott ta' ġrajja qawwija, f'laqgħa mal-Irxoxt. Anke jekk ma jagħtix dettalji, diversi drabi huwa jagħmel aċċenni għal dan il-fatt importantissimu, jiġifieri li anke hu huwa xhud tal-qawmien ta' Ġesù, li hu rċieva b'mod immedjat minn Ġesù stess din ir-rivelazzjoni, flimkien mal-missjoni ta' appostlu ara 1 Kor 15)…

F'dan nistgħu naraw li ż-żewġ għejun jaqblu fuq il-punt fundamentali: l-Irxoxt tkellem ma' Pawlu, sejjaħlu għall-apostolat, għamel minnu appostlu veru, xhud tal-qawmien, bil-mandat speċifiku li jħabbar il-Vanġelu lill-pagani, lid-dinja Ġreko-Rumana. Fl-istess waqt Pawlu tgħallem li, minkejja li kellu relazzjoni immedjata mal-Irxoxt, hu għandu jkun f'komunjoni mal-Knisja, irid jitgħammed, irid jgħix fi qbil mal-appostli l-oħra…

Pawlu qatt ma jinterpreta din il-ġrajja bħala konverżjoni. Għaliex? Din il-bidla ta' ħajtu, din it-trasformazzjoni tal-persuna kollha tiegħu ma kienetx frott ta' proċess psikoloġiku, ta' maturazzjoni jew evoluzzjoni intellettwali u morali, imma ġrat minn barra: ma kienitx frott tal-ħsieb tiegħu imma tal-laqgħa tiegħu ma' Ġesù Kristu… » (Benedittu XVI, Udjenza Ġenerali, 3 ta' Settembru 2008 Silta mill- Katekeżi fuq San Pawl)

Mal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl temmejna t-tieni mument tal-Missjoni Djoċesana, iż-żmien ta' missjoni u tħabbira, jiġifieri ż-żjajjar fil-familji.

- Kif nistgħu issa ngħixu l-ġrajja ta' San Pawl fit-triq ta' Damasku, jiġifieri li niltaqgħu wiċċ imbwiċċ ma' Ġesù ħaj anke fil-ħajja tagħna, kemm personali kif ukoll tal-familji tagħna?
- Kristu ttrasforma lil Pawlu: inħoss li anke jien għandi bżonn ninbidel u nsir kollni kemm jien ta' Kristu?

**Mill-Kalendarju Djoċesan:**
L-Erbgħa 28 ta' Jannar: Servizz Ekumeniku (Knisja Parrokkjali Munxar 6.00p.m.)
Il-Ħadd 1 ta' Frar: Jum il-Ħajja / Festa ta' San Ġwann Bosco (Oratorju Don Bosco, Victoria)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Agħtini, Mulej Ġesu', qalb miftuħa għall-kelma tiegħek u li nimxi warajk b'ġenerożita' kbira.

gozopress • 21551534



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

It-3 Ħadd Matul is-Sena • Sena B • L-40 Sena (2078) • 25 ta' Jannar 2009




Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju."

Waqt li kien għaddej ma' xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ lil Xmun u 'l ħuh Indrì qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda. U Ġesù qalilhom: "Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin. » U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh. Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni fid-dgħajsa qegħdin isewwu x-xbiek, u minnufih sejjħilhom. U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti, u marru warajh. (Mk 1, 14-20)

### *RIFLESSJONI*

- Qiegħed nittendi b'Ġesu' li b'diversi modi jgħaddi jxandarli l-Bxara t-Tajba?
- Il-kelma ta' Alla qed nissel fija sobgħa tassew għall-ħtijiet tiegħi, biex nimtela' iktar bl-imġabba lejH?
- Ġie li smajt xi sejħa speċjali mingħand Ġesu' biex nimxi warajh iktar mill-qrib?
- Kif inġib ruħi quddiem xi proposta li jagħmilli Ġesu' ? Inwieġeb bil-ġenerożita' jew noqgħod nara x'se nħalli warajja?
- Kif inħares lejn is-sejħa li jagħmilli Ġesu'? Nuqqas ta' liberta' jew imħabba privileġġjata min-naħa ta' Alla?